MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2007

Numru. 214/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**
**Frank Schembri bin Joseph u Josephine nee' Zammit, imwieled fl-1 ta' April 1961 u residenti Neptunes Flats, Triq Ulisse, Marsalforn, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 16861(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Francis Schembri li gie akkuzat talli nhar id-29 ta' Jannar, 2007 ghal habta ta' 08:45hrs fi Triq il-Kapuccini, Rabat, Ghawdex:

1) kiser il-bon ordni u l-paci pubblika bi glied;

2) ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Angolina Schembri u dan skond ma ccertifika Dr. Coronato Grech MD tal-Poliklinika tar-Rabat, Ghawdex;
3) hedded lil Angolina Schembri bi kliem.

Semghet il-provi,

Rat id-dokumenti esebieti

Ikkunsidrat,

Billi l-ewwel u it-tielet akkuza ma jirrizultawx ippruvati, fuq nuqqas ta' provi, il-Qorti qieghda tillibera lill-imputat mill-istess.

Dwar it-tieni akkuza, tirrizulta ippruvata, u wara li rat l-artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issibu hati u tikkundannah multa ta' Lm25.

Il-Qorti qieghda tobbliga lill-imputat biex bl-ebda mod ma javvicina lill-kwerelanta ghal zmien sena mil-lum taht penali ta' Lm100 multa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------